**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2015

Rikors Kongunt Nru : 243/13 AL

**AB**
**vs**
**Avukat Dr Joseph Mizzi u l-PL Davina Sullivan b'digriet tal-5 ta' Mejju 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati fl-interess tal-assenti martu CD, minnha legalment saparat,**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-12 ta' April 2007 (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhom ebda tfal;

Illi filwaqt li l-partijiet jinsabu legalment separati b'sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja (Onor. Imhallef Noel Cuschieri), moghtija fl-14 ta' Dicembru, 2011 (Rikors Guramentat numru 121/10 NC), (annessa bhala Dok B), liema sentenza kienet anke preceduta b'kuntratt tas-separazzjoni tal-beni ippubblikat fl-10 ta' April, 2011, qabel iz-zwieg, fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi (anness Dok C), huma ilhom 'de facto' separati minn Awissu 2007, kif

ikkonfermat anke mill-istess sentenza fir-raba' paragrafu tal-konsiderandi;

Illi ghalhekk tul dawn l-ahhar hames snin qabel il-procedura odjerna, il-partijiet kienu ilhom ghal aktar minn erba' snin ma jghixux flimkien;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom u ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-intimata mhija intitolata ghal ebda manteniment billi in forza ta' l-istess sentenza ta' separazzjoni, hija tilfet dan id-dritt, billi l-Qorti kienet laqghet it-tieni talba tal-esponenti f'dan ir-rigward;

Illi minn naha tieghu, l-esponenti jiddikjara illi qed jirrinunzja ukoll ghal kwalunkwe forma ta' manteniment minghand l-intimata;

Illi il-fatti premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju, skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi irregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Joseph Mizzi u il-PL Davina Sullivan, illi permezz taghha eccepew :

Illi l-kuraturi qeghdin jaghmlu tentattiv sabiex jikkuntattjaw lill-intimata, pero sallum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghall-fatti tal-kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jirrizervaw li, bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju, 2015;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Dicembru 2011 u ilhom de facto separati minn Awissu 2007;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.